MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 18/2020 LM

**Henry Allison (K.I. 570077M)**
*("l-appellata")*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("id-Direttur Ġenerali appellant")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-**Arbitru tas-Sigurtà Soċjali** (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), tat-12 ta' Ġunju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"), li permezz tagħha l-Arbitru ddeċieda li l-appell intavolat mir-rikorrent, hawnhekk "l-appellat", **Henry Allison (K.I. 570077M)**

mid-deċiżjoni li ta d-Direttur Ġenerali intimat li ġiet ikkomunikata permezz ta' ittra datata 30 ta' April, 2018, għandu jiġi milqugħ.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti ressaq appell quddiem l-Arbitru wara li permezz ta' ittra datata t-30 ta' April, 2018, huwa ġie mgħarraf mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li huwa kien tħallas żejjed is-somma ta' €12,578.44 f'għajnuna soċjali, għall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018, u dan għaliex ġie stabbilit li l-mara tar-rikorrent Taryn Allison, kienet ukoll qiegħda tirċievi għajnuna fil-forma ta' *allowance* għal diżabilità severa. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 10% mill-għajnuna soċjali jew benefiċċji oħra li jitħallsu lilu.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent fl-appell tiegħu lill-Arbitru, spjega li huwa kien dejjem onest u ġenwin, tant hu hekk li kien mar għal laqgħa f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex jiġi stabbilit għal xiex hu kien intitolat bħala benefiċċji soċjali u dan minħabba ċ-ċirkostanzi personali tiegħu. Ir-rikorrent spjega li huwa għandu problemi ta' saħħa mentali, u l-mara tiegħu ssofri minn diżabilità, filwaqt li ż-żewġ ulied tal-koppja għandhom ukoll bżonnijiet speċjali.

4. Id-Direttur Ġenerali intimat wieġeb li l-appellant kien jirċievi l-Għajnuna Soċjali sal-1 ta' Ġunju, 2018, u din l-assistenza ġiet riveduta minħabba li l-mezzi fil-ġimgħa tar-rikorrent, li kienu jinkludu l-għoti ta' benefiċċju minħabba d-diżabilità severa lill-mara tiegħu, kienu jeċċedu l-iskala kif stabbilita skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318). Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li fit-30 ta' April, 2018, kien informa lir-rikorrent li huwa kien tħallas żejjed l-ammont ta' €12,578.44 għall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018. Id-Direttur Ġenerali intimat sostna li l-appell li r-rikorrent ressaq quddiem l-Arbitru, kellu jiġi miċħud għaliex ma kien iqanqal ebda punt ta' liġi jew prinċipju ieħor ta' importanza.

5. Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2018, id-Direttur Ġenerali appellant spjega li f'dan il-każ talab ir-rifużjoni ta' ammont imħallas żejjed lir-rikorrent għaliex il-mezzi fil-ġimgħa li qiegħda tirċievi l-familja tar-rikorrent, li jinkludu l-*allowance* għal diżabilità severa li tirċievi mart ir-rikorrent, jeċċedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. F'nota sussegwenti li ppreżenta d-Direttur Ġenerali intimat fis-16 ta' Ottubru, 2018, dan spjega li l-ammont li kien talab li jitħallas lura mir-rikorrent, ġie rivedut għal €11,376.47, u dan għaliex ir-rikorrent kellu jħallas lura l-ammont imħallas żejjed fl-aħħar sentejn biss skont is-subartikolu 1 tal-artikolu 102 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Id-Direttur Ġenerali intimat spjega li r-rikorrent għandu dritt jirċievi l-benefiċċju li jkun l-aktar ta' vantaġġ għalih jew li jitħallas bl-ogħla rata. Qal li peress li r-rata ta' Għajnuna Soċjali għal ħames persuni li hija intitolata għaliha din il-familja hija aktar għolja, ir-rikorrent intalab iħallas lura l-ħlas żejjed li sar bħala benefiċċju tad-diżabilità severa u *bonuses* li kienet irċeviet martu.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

6. Fid-deċiżjoni mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 2020, l-Arbitru għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

*"Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tad-DSS tat-30 t'April, 2018 li permezz tagħha l-appellant ġie nfurmat li tħallas is-somma żejda ta' €12,578.44 f'għajnuna soċjali li rċieva bejn is-7 ta' Mejju, 2016 sal-4 ta' Mejju, 2018 u dan stante li l-mara tiegħu* ***tirċievi SDA.***

*Illi l-appellant ressaq dan l-appell fuq bażi li minn dejjem informa lid-DSS b'dan meta applika għall-għajnuna soċjali. Fil-fatt fl-applikazzjoni tiegħu li imlieha uffiċjal tad-DSS stess fl-uffiċċju distrettwali. L-appellant qal li dan l-uffiċjal kien anki nfurmah li huwa jista' jieħu din l-għajnuna minkejja li l-mara tieħu l-SDA – minħabba diżabilità severa.*

*Id-DSS applika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 102, u ċioe talab rifużjoni biss għal dawk is-sentejn qabel ma nduna b'dan l-iżball imma erronjament beda jnaqqas bir-rata ta' 10% meta dan l-artikolu jirrikjedi li t-tnaqqis isir bil-5%.*

*Illi eventwalment fis-16 ta' Ottubru, 2018 it-talba tad-DSS ġiet ridotta għal €11,376.47. Id-DSS baqa' jargumenta illi l-appellant għandu jedd biss għal dak il-benefiċċju li huwa tal-aktar vantaġġ għalih u kwindi ma jistax ikun intitolat għat-tnejn f'daqqa.*

*Illi l-fatti ma kinux ikkontestati miż-żewġ naħat u kwindi, dan l-appell idur ma' interpretazzjoni legali tal-artikolu 90, jekk japplikax fil-każ odjern.*

*Illi l-argument tal-avukat tal-appellant jagħmlu referenza għal dan l-artikolu u jqisu b'mod dettaljat il-kliem tal-istess artikolu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet datata 1 ta' Lulju, 2019, il-legali tal-appellant jisħaq fuq il-fatt illi l-għajnuna li qed tirċievi l-mara tal-appellant mhijiex imsemmija f'dan l-artikolu u lanqas ma hu msemmi f'dan l-artikolu l-kelma* 'household'. *Jargumenta illi l-għajnuna għad-diżabilità severa qed tingħata lill-mara tiegħu u mhux lill-*household*, u dan stante li l-benefiċjarja ta' din l-għajnuna għad-diżabilità severa hija martu u mhux l-appellant. Din id-diżabilità hija trattata f'żewġ artikoli oħra tal-liġi.*

*Min-naħa tiegħu d-DSS jiffoka r-risposta tiegħu fuq punt li hu estraneju għad-deċiżjoni tiegħu u l-appell odjern u ċioe li għandu jkun hemm il-kalkolu dwar il-mezzi biex wieħed japplika għal xi għajnuna soċjali. Dan il-punt għandu jkun skartat billi d-*

> *deċiżjoni tad-DSS ma kinitx dwar jekk il-familja tal-appellant għandhiex il-mezzi finanzjarji biex tikkwalifika għall-għajnuna soċjali imma fuq il-punt li ġialadarba l-mara tal-appellant għandha għajnuna SDA, huwa ma setax jikkwalifika għaliex SDA huwa benefiċċju aktar vantaġġjuż.*
>
> *L-artikolu 90 tal-Kap. 318 jitkellem dwar persuna. Persuna li jkollha dritt għall-għajnuna soċjali inter alia. Ma titkellimx dwar* household. *Huwa paċifiku li għajnuna soċjali tingħata lill-individwu u mhux lill-familja, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor. L-applikant f'dan il-każ mhuwiex l-istess persuna li qed tirċievi l-għajnuna għad-diżabilità gravi. L-artikolu 90 jitkellem meta applikant jirċievi 2 pensjonijiet, 2 allowances, 2 benefiċċji jew żewġ għajnuniet. Wieħed jifhem illi dan l-artikolu japplika meta l-applikant ikun qed jirċievi żewġ ħlasijiet mill-istess klassi, ċioe żewġ pensjonijiet, żewġ allowances, eċċ.*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet, l-Arbitru jaqbel mal-argumenti mressqa mill-appellant u kwindi l-appell tiegħu qed ikun milqugħ."*

**L-Appell**

7. Id-Direttur Ġenerali appellant ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fid-29 ta' Lulju, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru tat-12 ta' Ġunju, 2020, u konsegwentement tgħaddi sabiex tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur tat-30 ta' April, 2018. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Arbitru għaliex fil-fehma tiegħu dan naqas milli jikkonsidra ġustament id-difiża li tressqet fl-ewwel istanza mid-Direttur Ġenerali appellant u għaliex l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318.

8. Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant spjega li l-appellat kien qiegħed jirċievi l-Għajnuna Soċjali u baqa' jagħmel dan sal-1 ta' Ġunju, 2018. Qal li fit-

30 ta' April, 2018 huwa bagħat ittra lill-appellat fejn infurmah li kien sar ħlas żejjed ta' għajnuna soċjali mid-Dipartiment bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018, għaliex il-mezzi fil-ġimgħa li kienet qiegħda tirċievi l-familja tar-rikorrent, li jinkludu l-*allowance* għal diżabilità severa li kienet tirċievi mart ir-rikorrent, kienu jeċċedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. Żied jgħid li l-appellat appella minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru, kif kellu dritt jagħmel. Permezz ta' nota tat-3 ta' Ottubru, 2018 l-appellant spjega li kienet qiegħda tintalab rifużjoni ta' ammont li l-appellat kien irċieva fil-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018 bħala għajnuna soċjali. L-appellant permezz ta' nota tas-16 ta' Ottubru, 2018, spjega li l-appellat kellu dritt għall-benefiċċju li jkun l-aktar vantaġġuż għalih jew li jitħallas bl-ogħla rata, *ai termini* tal-artikolu 90 tal-Kap. 318. Permezz tal-istess nota, l-appellant irriduċa s-somma li qiegħed jitlob ir-rifużjoni tagħha, għal €11,376.47.

9. L-appellant qal li l-Arbitru ma kienx korrett meta qal li d-Dipartiment iffoka s-sottomissjonijiet tiegħu fuq punt li huwa estraneju għad-deċiżjoni li trid tittieħed. Qal li bħala stat ta' fatt huwa ta żewġ raġunijiet speċifiċi għalfejn kien qiegħed jitlob ir-rifużjoni tal-ammont li tħallas lill-appellat bħala għajnuna soċjali, u r-raġuni mogħtija fin-nota tas-16 ta' Ottubru 2018 kienet maħsuba biex tikkumplimenta r-raġuni li ngħatat fin-nota tat-3 ta' Ottubru, 2018. Żied jgħid li r-raġuni mogħtija fin-nota tat-3 ta' Ottubru, 2018 kienet ir-raġuni ewlenija li wasslet lid-Direttur Ġenerali appellant jieħu d-deċiżjoni li ħa. L-appellant qal li peress li l-mara tal-appellat qiegħda tirċievi l-Għajnuna għal Diżabilità Severa, filwaqt li l-appellat kien qiegħed jibbenefika mill-għajnuna soċjali, il-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat kienu jeċċedu l-iskala kif

stabbilita skont il-Kap. 318. Id-Direttur Ġenerali appellant qal li l-Arbitru kellu l-obbligu li jistħarreġ is-sottomissjonijiet kollha magħmula mill-partijiet, u dan ma setax mingħajr raġuni valida jaqbad u jiskarta r-raġuni ewlenija li ressaq l-appellant. Żied jgħid li ladarba huwa fin-nota tiegħu tat-3 ta' Ottubru, 2018 spjega li d-deċiżjoni tiegħu kienet ittieħdet abbażi tal-fatt li l-mezzi fil-ġimgħa tal-appellant kienu jeċċedu l-iskala kif stabbilita fil-Kap. 318, l-Arbitru ma setax arbitrarjament jaqbad u jiskarta din id-difiża billi jikkonkludi li difiża partikolari mogħtija minnu, kienet dwar punt li huwa estraneju għad-deċiżjoni tiegħu, imma kellu l-obbligu li jistħarreġ din id-difiża tal-appellant u jagħti wkoll deċiżjoni motivata dwar l-istess difiża. L-appellant żied jgħid li min-naħa tiegħu huwa qatt ma ddikjara li kien qiegħed jirtira din id-difiża, anzi pjuttost sostnieha bis-sottomissjonijiet tiegħu.

10. L-appellant qal li mhux il-ħsieb tiegħu li jissindika d-deċiżjoni tal-Arbitru fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tal-artikolu 90 tal-Kap. 318 għall-każ in diżamina, iżda sejjer jagħmel sottomissjonijiet dwar id-difiża tiegħu li l-appellat u l-familja tiegħu qegħdin jirċievu f'Għajnuna Soċjali ammont totali li jeċċedi l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. Spjega li l-Arbitru kellu l-obbligu li jasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li japplika n-normi kollha ta' dritt sostantiv li huma applikabbli għall-każ odjern. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 30 sub-inċiż (6) tal-Kap. 318, li jgħid:

> "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Għajnuna Soċjali li għaliha kap ta' familja jkun intitolat għandha tkun dak l-ammont fil-ġimgħa li twassal il-mezzi fil-ġimgħa totali tal-membri kollha tal-familja tiegħu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jaħdmu għalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bit-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att."

11. L-appellant spjega li l-ewwel taqsima tas-Sitt Skeda tal-Kap. 318 tistabbilixxi l-iskala ta' Għajnuna Soċjali applikabbli għall-familja tal-appellant, u żied jgħid li peress li l-familja tal-appellat għandha ħames membri li huma eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, ir-rata ta' skala fil-ġimgħa li kienet applikabbli għal din il-familja kienet ta' €134.64 fl-2016, ta' €135.81 fl-2017, u ta' €136.98 fl-2018. L-appellant qal li fil-fatt irriżultalu li kienu dawn l-ammonti li kienet qiegħda tirċievi din il-familja fis-snin imsemmija, kif jirriżulta mir-*records* esebiti minnu. L-appellant spjega li in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, il-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat ma setgħux jaqbżu l-imsemmija ammonti fis-snin rispettivi, u għalhekk l-appellant kien intitolat biss għad-differenza li kienet tirċievi f'għajnuna soċjali l-familja tiegħu fil-ġimgħa, u l-imsemmija ammonti.

12. L-appellant għamel riferiment wkoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 2 tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda, dwar kif għandu jsir il-kalkolu tal-mezzi meta persuna tapplika sabiex tibda tibbenefika mill-Għajnuna għall-Mard. Qal li dan l-artikolu jistipula li l-mezzi tal-familja għandhom jinħadmu bil-mod imsemmi fil-paragrafi 2 sa 5 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, b'riferiment partikolari għall-artikolu 4 tal-istess Skeda, li jelenka liema huma dawk l-ammonti, għajnuniet, benefiċċji u *allowances* li wieħed m'għandux jieħu inkonsiderazzjoni meta jiġi biex jagħmel il-kalkolu tal-mezzi tal-membri kollha tal-familja. Spjega li l-Assistenza għal Diżabilità Severa mhijiex waħda minn dawn l-ammonti, għajnuniet, benefiċċji u *allowances* imsemmija, u għalhekk din trid tittieħed inkonsiderazzjoni għall-fini tal-kalkolu tal-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat. Qal li ġie ppruvat li l-mara tal-appellat, Taryn Allison, kienet qiegħda

tirċievi l-Assistenza għal Diżabilità Severa fis-snin 2016, 2017 u 2018, fejn fl-2016 kienet qiegħda titħallas €100.96 fil-ġimgħa, fl-2017 kienet qiegħda titħallas €102.13 fil-ġimgħa, filwaqt li fl-2018 kienet qiegħda titħallas €103.30 fil-ġimgħa, u dan skont ir-*records* ippreżentati mid-Dipartiment. Żied jgħid li ladarba ġie stabbilit li l-familja Allison kienet qiegħda tirċievi dawn l-ammonti fil-ġimgħa, l-appellat kien intitolat biss għad-differenza f'Għajnuna Soċjali fil-ġimgħa bejn dawn l-ammonti u r-rata ta' skala massima ta' Għajnuna Soċjali fil-ġimgħa li l-familja Allison kienet eliġibbli għaliha skont it-Taqsima I tas-Sitt Skeda, jiġfieri ta' €134.64 fil-ġimgħa fis-sena 2016, ta' €135.81 fil-ġimgħa fis-sena 2017, u ta' €136.98 fil-ġimgħa fis-sena 2018. Qal li għalhekk huwa kien korrett meta talab li tiġi rifuża s-somma ta' €11,376.47, u għalhekk l-Arbitru b'applikazzjoni tal-liġi inkwistjoni għall-każ odjern, kellu faċilment jasal għall-konklużjoni li bid-dħul massimu tal-Għajnuna Soċjali, flimkien ma' dak tal-Assistenza għal Diżabilità Severa, il-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat kienu jeċċedu l-iskala kif stabbilita skont il-Kap. 318. L-appellant qal fl-aħħar nett li l-Arbitru kellu l-obbligu li jħares il-liġi u japplikaha f'kull każ li jiġi ppreżentat quddiemu. Qal li f'dan il-każ kien ċar illi sabiex l-Arbitru wasal għad-deċiżjoni tiegħu, dan ma applikax il-liġi inkwistjoni kif kien tenut li jagħmel, u b'hekk id-deċiżjoni mogħtija minnu mhijiex ġusta.

## Ir-Risposta tal-Appell

13. L-appellat wieġeb li fl-ewwel lok għandha ssir il-prova li l-appell ġie ippreżentat fit-terminu mogħti mil-liġi. Qal ukoll li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita kkonferma. L-appellat qal ukoll li f'dan il-każ il-

leġiżlatur fl-artikolu 90 tal-Kap. 318, kien speċifiku dwar tliet ipotesijiet li joħorġu ċari, u ċjoé illi:

> "Ħlief kif provdut b'mod speċifiku jew kif jiftiehem mod ieħor f'dan l-Att dwar Għajnuna Soċjali, Pensjoni tal-Età, *Allowance* għal *Carer* u *Allowance* Miżjuda għal *Carer* li titħallas taħt dan l-Att, meta persuna jkollha dritt, minkejja dan l-artikolu, għal żewġ pensjonijiet, *allowances,* benefiċċji jew għajnuna fl-istess waqt hija ma jkollhiex dritt għalihom it-tnejn, iżda jkollha dritt għal dik il-pensjoni, *allowance,* benefiċċju jew għajnuna li jkunu l-iktar ta' vantaġġ jew li jkunu jitħallsu b'dik ir-rata li tkun ogħla."

14. L-appellat qal li f'dan il-każ jirriżulta li martu kienet tirċievi pensjoni minħabba diżabilità severa, u dan il-benefiċċju la hu *age pension,* la hu *carer's allowance* u lanqas mhu *increased carer's allowance.* Żied jgħid li f'dan il-każ l-appellant qiegħed iġebbed il-liġi biex ma jagħtix żewġ pensjonijiet, u qiegħed jipprova jinkludi *allowance* għal diżabilità severa, li hija trattata fl-artikolu 106(f) tal-Kap. 318 taħt dispożizzjoni oħra tal-liġi li m'għandhiex x'taqsam magħha. Jgħid li l-artikolu 27 tal-istess Att jitkellem fuq persuna li tieħu *allowance* ta' *severe disability* u tkun miżżewġa, fejn huwa ċar li dik l-*allowance* titħallas lill-persuna u mhux għall-*household.* Qal li l-liġi titkellem ċar li f'dan il-każ il-mara, indipendentement mir-raġel, għandha dritt għal *severe disability allowance,* u li jkun hemm tnaqqis biss jekk it-tnejn li huma jkollhom *severe disability,* li mhuwiex il-każ hawnhekk. L-appellat qal ukoll li ġudikant mhux marbut li jispeċifika kull ħaġa li jieħu inkonsiderazzjoni, sakemm jagħti r-raġuni għalfejn ikun wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Qal li f'dan il-każ kien hemm eċċezzjoni legali u l-Arbitru laqagħha, u għalhekk din l-eċċezzjoni tidderimi kull azzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

15. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mid-Direttur Ġenerali appellant fil-kuntest tar-risposta tal-appellat, u dan b'riferiment għad-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Arbitru. Jirriżulta li l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-appellat dwar il-possibilità li l-appell imressaq mid-Direttur Ġenerali appellant seta' kien *fuori termine,* ġiet sorvolata għaliex ġie ppruvat li l-appell sar fi żmien tletin ġurnata minn meta l-appellant ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Arbitru, u għalhekk din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

16. Il-kwistjoni odjerna taf il-bidu tagħha meta l-appellant bagħat jinforma lill-appellat li għandu jirrifondi somma flus rappreżentanti benefiċċji allegatament imħallsa żejda lilu għall-perijodu bejn is-7 ta' Mejju, 2016 u l-4 ta' Mejju, 2018, għaliex l-appellant isostni li l-familja tal-appellat kienet qiegħda tirċievi bħala ammont totali f'għajnuniet soċjali li jeċċedi l-iskala stabbilita bil-Kap 318. Jirriżulta li mart l-appellat kienet qiegħda tirċievi assistenza għal diżabilità severa fl-istess ħin li r-raġel tagħha kien qiegħed jirċievi għajnuna soċjali oħra, u kien għalhekk li l-appellant ikkonkluda li l-ammont totali li l-appellati qegħdin jirċievu f'benefiċċji soċjali jeċċedi l-intitolament tagħhom bħala familja. L-appellant ħa l-pożizzjoni wkoll li f'dan il-każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90 tal-Kap. 318, jiġifieri li l-appellat għandu dritt għall-benefiċċju li jkun tal-akbar vantaġġ għalih, jew li jitħallas lilu bl-ogħla rata.

*L-Ewwel Aggravju:* *L-Arbitru ma kienx korrett meta qal li d-Dipartiment iffoka s-sottomissjonijiet tiegħu fuq punt li huwa estraneju għad-deċiżjoni li trid tittieħed*

17. L-appellant isostni li l-Arbitru kien skorrett meta qal li eċċezzjoni partikolari li saret mill-intimat appellant ma kinitx timmerita li tiġi mistħarrġa, għaliex fil-fehma tiegħu din kienet estraneja għad-deċiżjoni li trid tittieħed f'dan il-każ. L-appellant sostna li huwa baqa' ma rtirax din l-eċċezzjoni, u għalhekk l-Arbitru kellu obbligu li jikkonsidraha u jagħti deċiżjoni dwarha. Din l-eċċezzjoni tal-appellant kienet tittratta l-fatt li ladarba mart l-appellat qiegħda tirċievi *severe disability allowance,* fl-istess ħin li żewġha qiegħed jirċievi l-għajnuna soċjali, il-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat bdew jeċċedu l-iskala tal-mezzi kif stabbilita skont il-Kap. 318. F'dan l-aggravju l-appellant sostna li l-Arbitru kellu l-obbligu li jistħarreġ din l-eċċezzjoni tiegħu, stante li dan kellu obbligu japplika n-normi kollha ta' dritt sostantiv li japplikaw għall-każ odjern. L-appellant għamel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 30 sub-inċiż (6) tal-Kap. 318, li jgħid:

> "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Għajnuna Soċjali li għaliha kap ta' familja jkun intitolat għandha tkun dak l-ammont fil-ġimgħa li twassal il-mezzi fil-ġimgħa totali tal-membri kollha tal-familja tiegħu li skont dan l-Att la jkunu persuni impjegati u lanqas persuni li jaħdmu għalihom infushom, kalkolati skont it-Taqsima VI tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sar-rata tal-iskala ta' dik il-familja, kif stabbilit bl-Ewwel Taqsima tas-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att ...".

Is-Sitt Skeda tal-Att imbagħad hija maqsuma f'diversi taqsimiet, fosthom taqsima bir-rati ta' skala ta' għajnuna soċjali fil-ġimgħa li tista' titħallas, l-ogħla rata ta' pensjoni tal-età fil-ġimgħa, u l-ogħla rata ta' assistenza miżjuda għal diżabilità severa, assistenza għal diżabilità severa, u assistenza oħra li tista'

tingħata. L-appellant jgħid li l-appellat u l-familja tiegħu qegħdin jirċievu mid-Dipartiment għajnuna li teċċedi l-iskala kif stabbilita bil-Kap. 318, li fl-2016 kienet ta’ €134.64 fil-ġimgħa, fl-2017 kienet ta’ €135.81 fil-ġimgħa, filwaqt li fl-2018 kienet ta’ €136.98 fil-ġimgħa. L-appellant saħaq li in vista ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 30(6) tal-Kap. 318, il-mezzi fil-ġimgħa tal-familja tal-appellat ma setgħux jaqbżu dawn l-ammonti fis-snin rispettivi, u l-appellat kien intitolat biss għad-differenza li kien hemm bejn il-mezzi tal-familja fil-ġimgħa u l-ammonti msemmija.

18. Il-Qorti kkonsidrat dan l-aggravju b’riferiment partikolari għal dak li ntqal mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti. L-avukat difensur tal-appellant għamel riferiment għal dak li tipprovdi t-Tieni Taqsima tal-Iskeda, speċjalment għal dak li jipprovdi r-raba’ paragrafu ta’ din it-Taqsima, li jelenka liema huma dawk l-ammonti, għajnuniet, benefiċċji, u *allowances* li wieħed m’għandux jieħu inkonsiderazzjoni meta jiġi biex jagħmel kalkolu tat-test tal-mezzi. Intqal li ladarba l-*allowance* għal diżabilità severa mhijiex inkluża, din għandha tiżdied mal-lista ta’ għajnuniet li għandhom jitnaqqsu sabiex jiġi stabbilit l-intitolament ta’ familja bħal dik tal-appellat. Imma din il-Qorti ma taqbilx ma’ dan, tenut kont li r-raba’ paragrafu tat-Tieni Taqsima tal-Iskeda jaqra testwalment:

> “Fil-kalkolu tad-dħul jew privileġġ li huwa, jew jista’ jiġi, riċevut minn xi membru tal-familja jew li huwa jgawdi, kif hawn qabel imsemmi f’din it-Taqsima m’għandhomx jitqiesu:
> ...
> (ċ) kull Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Diżabilità Severa, Assistenza għal Persuna b’Vista Batuta u Assistenza għal Diżabilità li tkun qed

titħallas lil wieħed (1) mill-konjugi meta tali konjugi ma jkunx qiegħed f'impjieg assigurabbli jew lanqas *self-occupied."*

19. Dan ifisser li l-appellant huwa żbaljat meta jgħid li l-familja tal-appellat f'dan il-każ setgħet tirċievi biss id-differenza bejn l-ammont li hija intitolata għalih fil-ġimgħa skont l-iskala msemmija, u dak li tirċievi martu bħala *severe disability allowance,* għaliex l-*allowance* li titħallas lil martu m'għandhiex tiġi kkomputata mal-kumplament tal-benefiċċji li tirċievi din il-familja. F'dan ir-rigward l-Arbitru qies li anki jekk ġie stabbilit li mart l-appellat tirċievi *allowance* għal diżabilità severa, il-familja tista' tibbenefika minn għajnuna oħra għaliex din it-tip ta' *allowance* m'għandhiex tiġi inkluża fil-kalkolu tad-dħul tal-familja sabiex dawn jitqiesu eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali. L-Arbitru qies mill-ewwel li l-pożizzjoni tal-appellant f'dawn il-proċeduri ma kinitx tenibbli u ma ssib l-ebda sostenn fid-dispożizzjonijiet tal-liġi li għandhom jiġu applikati, għaliex it-test tal-mezzi li l-appellant insista li kellu jsir f'dan il-każ ma kellux jinkludi wkoll l-*allowance* għal diżabilità severa li tingħata mart l-appellat. Din il-Qorti tgħid li sew iddeċida l-Arbitru fejn wasal għall-konklużjoni li anki f'każ li l-mart l-appellat tirċievi *severe disability allowance,* bħala familja huma xorta waħda intitolata għall-għajnuna soċjali skont ir-rati stabbiliti.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis li ma jirriżultax li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *l-Arbitru naqas milli japplika l-liġi skont il-Kap. 318*

20. L-appellant jinsisti li f'dan il-każ l-Arbitru kellu japplika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 90 tal-Kap. 318, u jiddeċiedi li din il-familja għandha tirċievi l-ogħla benefiċċju li tista' tirċievi, jew ħlas tal-aktar rati vantaġġużi għaliha, u din m'għandhiex jedd tirċievi ħlasijiet doppji tal-benefiċċji. L-artikolu 90 tal-Kap. 318 fil-fatt jipprovdi illi:

> "Ħlief kif provdut b'mod speċifiku jew kif jiftiehem mod ieħor f'dan l-Att dwar Għajnuna Soċjali, Pensjoni tal-Età, *Allowance* għal *Carer* u *Allowance* miżjuda għal *carer* li titħallas taħt dan l-Att, meta persuna[1] jkollha dritt, minkejja dan l-Artikolu, għal żewġ pensjonijiet, *allowances,* benefiċċji jew għajnuna fl-istess waqt hija ma jkollhiex jedd għalihom it-tnejn, iżda jkollha dritt għal dik il-pensjoni, *allowance,* benefiċċju jew għajnuna li jkunu l-aktar ta' vantaġġ jew li jkunu jitħallsu b'dik ir-rata li tkun ogħla."

21. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ l-appellat jirċievi l-għajnuna soċjali bħala kap ta' familja, filwaqt li l-mara tiegħu, bħala individwu, tirċievi *severe disability allowance.* Din it-tip ta' *allowance* mhijiex ikkontemplata fl-artikolu 90 tal-liġi, u la hija pensjoni tal-età u lanqas hija *allowance* għal *carer,* u għalhekk f'dan il-każ ma jistax jintqal li l-appellat qiegħed jirċievi żewġ pensjonijiet, jew żewġ *allowances* jew żewġ benefiċċji, għaliex dan mhuwiex il-każ. L-applikant għall-Għajnuna Soċjali f'dan il-każ mhux l-istess persuna li qiegħda tirċievi s-*severe disability allowance,* u għalhekk l-Arbitru kien korrett meta kkonkluda li l-artikolu 90 tal-Kap. 318 ma japplikax f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhux mistħoqq, u tiċħdu.

[1] Enfasi tal-Qorti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi filwaqt li tiċħad l-aggravji tal-appellant, tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż a karigu tal-istess appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**